*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 12,620, 7 ta' Diċembru, 1971*
*Taqsima C*

# Nru. 23

7. 12. 71

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Dott. Anton Buttigieg, B.A., LL.D., M.P., Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tad-29 ta' Novembru, 1971.

**ATT biex ikompli jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta.**

C. MIFSUD
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Dr Anton Buttigieg, B.A., LL.D., M.P., Minister of Justice and Parliamentary Affairs, and read the First time at the Sitting of the 29th November, 1971.

**AN ACT further to amend the Costitution of Malta.**

C. MIFSUD
*Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI

## msejjaħ

*ATT biex ikompli jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta.*

IL-MAESTA' Tagħha r-Reġina, bil-parir u bil-kunsens tal-Kamra tad-Deputati ta' Malta, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1971 li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Kostituzzjoni ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni".

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ fis-sbatax ta' Jannar, 1972.

Emenda ta' l-artikolu 96 tal-Kostituzzjoni.

**2.** L-artikolu 96 tal-Kostituzzjoni għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (5) tiegħu, il-kliem minn "u għandu jkun hemm Viċi-President" sa "wara l-Prim Imħallef" għandhom jitħassru;

(b) fis-subartikolu (6) tiegħu, minflok il-kliem "dawk il-funzjonijiet għandhom jiġu moqdija mill-Viċi-President" għandhom jidħlu l-kliem "dawk il-funzjonijiet għandhom jiġu moqdija minn dak il-wieħed mill-imħallfin l-oħra tal-Qrati Superjuri li jista' jiġi nominat għal hekk mill-Gvernatur-Ġenerali, li jaġixxi skond il-parir tal-Prim Ministru"; u

(ċ) is-subartikolu (7) tiegħu għandu jitħassar.

3. Id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili murija fl-ewwel kolonna ta' l-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att għandu jkollhom effett skond l-emendi murija fit-tieni kolonna tagħha.

Emenda taddisposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 15.

SKEDA

(artikolu 3)

| L-Ewwel Kolonna | It-Tieni Kolonna<br>Safejn tapplika l-emenda |
|---|---|
| Artikolu 6 | Il-kliem "il-Viċi President tal-Qorti Kostituzzjonali" u l-*proviso* tiegħu għandhom jitħassru. |
| Artikolu 45A | Is-subartikoli (2) u (3) għandhom jitħassru. |

## Għanijiet u Raġunijiet

Il-Għan ta' dan l-Abbozz huwa li jneħħi l-kariga ta' Viċi-President tal-Qorti Kostituzzjonali tal-Maestà Tagħha.

# A BILL

## entitled

*AN ACT further to amend the Constitution of Malta.*

BE IT ENACTED by Her Majesty the Queen, by and with the advice and consent of the House of Representatives of Malta, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title and commencement.

**1.** (1) This Act may be cited as the Constitution of Malta (Amendment) Act and shall be read and construed as one with the Constitution of Malta, hereinafter referred to as "the Constitution".

(2) This Act shall come into force on the seventeenth day of January, 1972.

Amendment of section 96 of the Constitution.

**2.** Section 96 of the Constitution shall be amended as follows:

(a) in subsection (5) thereof, the words from "and there shall be Vice-President" to "next to the Chief Justice" shall be deleted;

(b) in subsection (6) thereof, for the words "those functions shall be performed by the Vice-President" there shall be substituted the words "those functions shall be performed by such one of the other judges of the Superior Courts as may be designated in that behalf by the Governor-General, acting in accordance with the advice of the Prime Minister"; and

(c) subsection (7) thereof shall be deleted.

3. The provisions of the Code of Organization and Civil Procedure set out in the first column of the Schedule hereto shall have effect subject to the amendments set out in the second column thereof.

Amendment of provisions of Code of Organization and Civil Procedure, Cap. 15.

SCHEDULE

(section 3)

| First Column | Second Column<br>Extent of amendment |
|---|---|
| Section 6 | The words "the Vice-President of the Constitutional Court" and the proviso thereto shall be deleted. |
| Section 45A | Subsections (2) and (3) shall be deleted. |

## Objects and Reasons

The object of this Bill is to abolish the office of Vice-President of Her Majesty's Constitutional Court.

Stampat fid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
*Printed at the Department of Information*

[Prezz 2d.
[*Price 2d.*